MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2017

Rikors Maħluf Numru 437/16LM

**Lawrence Saliba (K.I. 600657M), Giuseppe Saliba (K.I. 262461M), George Saliba (K.I. 410563M), Vincent Saliba (K.I. 504441M), Lorenza *sive* Lorna Curmi (K.I. 92967M), Mary Caruana (K.I. 156071M), Antonella Montford (K.I. 486978M), Lorraine Saliba (K.I. 36469M), Saviour *sive* Sammy Saliba (K.I. 503370M) u Astrid Zahra (K.I. 70277M)**

**vs**

**Josephine Saliba (K.I. 99866M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ta' **Lawrence Saliba, Giuseppe Saliba, George Saliba, Vincent Saliba, Lorenza *sive* Lorna Curmi, Mary Caruana, Antonella Montford, Lorraine Saliba, Saviour *sive* Sammy Saliba u Astrid Zahra** (minn issa 'l quddiem "l-atturi"), ippreżentat fil-31 ta' Mejju, 2016, debitament maħluf minn Vincent Saliba, li jgħid kif ġej:

*ILLI Angelo Saliba, illum mejjet jiġi missier r-rikorrenti Lawrence Saliba, Giuseppe Saliba u George aħwa Saliba; Vincent Saliba huwa ħu Angelo Saliba u d-defunta Josephine Camilleri;*

*ILLI r-rikorrenti Lorenza sive Lorna Curmi, Mary Caruana u Antonella Montford huma n-neputijiet tad-defunta, ulied il-mejjet Joseph Saliba li kien ukoll ħu d-defunta Josephine Camilleri;*

*ILLI r-rikorrenti Lorraine Saliba, Saviour sive Sammy Saliba u Astrid Zahra huma wkoll neputijiet tad-defunta, ulied il-mejjet Remiġio Saliba, li ukoll kien ħu d-defunta Josephine Camilleri;*

*ILLI d-defunta Josephine Camilleri ġiet nieqsa nhar id-disgħa u għoxrin ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbgħtax (29.8.2014), fl-età ta' erbgħa u tmenin sena (84); kienet armla u ma kelliex ulied;*

*ILLI l-wirt ab intestato kien jiddevolvi fuq l-esponenti u għalhekk l-interess ġuridiku li l-esponenti għandhom f'din l-kawża;*

*ILLI l-intimata ġiet nominata l-unika eredi u werrieta universali permezz ta' testament tat-13 ta' Mejju, 2014, Dok A*[1] *u kif ser jirriżulta mill-atti tal-kawża, l-assi li wirtet huma konsiderevoli;*

*ILLI r-rikorrenti pprosegwew b'kawża oħra quddiem dina l-Onorabbli Qorti li iġġib in-numru 93/2015 LM u fl-ismijiet 'Angelo Saliba et vs Josephine Saliba' liema kawża tinsab pendenti fejn l-esponenti qed isostnu li per konsegwenza tal-istat mentali/infermità tal-istess Josephine Camilleri dan it-testment huwa null u bla effett għal finijiet u effetti kollha tal-Liġi;*

*ILLI fil-mori ta' din l-kawża rriżulta lir-rikorrenti li wieħed mix-xhieda imsemmija fit-testment ma kienx preżenti waqt l-qari u l-iffirmar tat-testment;*

*ILLI skont l-Artikolu 25 (3) (ċ) tal-Kap. 55, testment irid isir fil-presenza ta' żewġ xhieda u f'każ li dan ma jseħħx, it-testment huwa null;*

*ILLI l-esponenti qed jipprosegwu f'din l-istanza b'kawżali distina u separata minn dawk tal-kawża pendenti;*

*Għaldaqstant, tgħid il-konvenuta għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

1. *Tiddikjara u tiddeċidi illi t-testment tat-13 ta' Mejju, 2014 fl-atti tan-Nutar Anne Marie Tonna ma sarx skont l-formalitajiet u r-rekwiżiti li trid l-Liġi għaliex ma sarx fil-preżenza ta' żewġ xhieda;*

---

[1] *A fol.* 5 u 6 tal-proċess, bl-anness ċertifikat psikjatriku *a fol.* 7 u 8 tal-proċess.

2. *Konsegwentement tiddikjara l-imsemmi testment tat-13 ta' Mejju 2014 null u bla effett;*

3. *Tagħti dawk l-ordnijiet u direttivi kollha li l-istess Qorti jidhrilha xierqa u opportuna.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali kontra l-konvenuta li hija inġunta minn issa, in subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa ta' **Josephine Saliba** (minn issa 'l quddiem "il-konvenuta"), ippreżentata fit-18 ta' Lulju, 2016, fejn eċċepiet is-segwenti:

1. *Fl-ewwel lok it-talbiet proposti huma għalkollox kontradittorji għall-kawża mill-istess rikorrenti intavolata (Rikors Nru 93/2015/LM) fejn fiha huma qed jippresupponu l-validità formali tat-testment iżda li l-istess ma għandu jkollu l-ebda effett ġuridiku in bażi għall-allegazzjoni illi t-testatriċi kienet mentalment inkapaċitata;*

2. *Fit-tieni lok il-pretensjonijiet tar-rikorrenti hi waħda kapriċċjuża inkwantu t-testment, li tiegħu r-rikorrenti qegħdin jitolbu n-nullità, sar fil-preżenza ta' żewġ xhieda, kif titlob il-liġi, u dan huwa tant ovvju mill-istess dokument testamentarju minnhom stess esebit;*

3. *Illi, jekk kif ir-rikorrenti qegħdin jasserixxu fil-korp tal-kawżalitajiet, wieħed mix-xhieda ma kienx preżenti waqt il-qari u l-iffirmar tat-testment de quo, meta, invece, it-testment juri xort'oħra, kif fuq ingħad, ix-xorta ta' azzjoni mir-rikorrenti preżentata mhix dik idoneja u, anzi hi għalkollox inattendibbli;*

4. *Bla preġudizzju għall-premess u f'kull każ l-azzjoni hi infondata fil-fatt u fid-dritt;*

5. *Illi minħabba li l-azzjoni hi kompletament fiergħa, ir-rikorrenti għandhom jiġu kkundannati jħallsu d-doppio spese tagħha;*

6. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat id-digriet tagħha tat-28 ta' Novembru, 2016 fejn ordnat illi l-atti tal-kawża Rikors Maħluf Numru 93/2015LM fl-ismijiet **Angelo Saliba *et vs.* Josephine Saliba** jkunu jiffurmaw parti mill-atti ta' din il-kawża.

Rat l-atti kollha tal-kawża, inkluż dawk tar-Rikors Maħluf 93/2015LM.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-12 ta' Mejju, 2017 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

L-atturi huma ħut Josephine Camilleri jew ulied ħutha l-mejtin, ċjoè neputijiet tagħha, filwaqt li l-konvenuta hija wkoll neputija tagħha, ċjoè t-tifla ta' Pawlu Saliba, ħu Josephine Camilleri. Josephine Camilleri kienet armla u ma kellhiex tfal u kellha assi ereditarji konsiderevoli. Meta Josephine Camilleri mietet fit-28 ta' Awwissu 2014, fl-età ta' 84, l-atturi kienu qegħdin jippretendu li lkoll kemm huma kienu ser jirtuha għax jgħidu li kienu jafu li zijithom qatt ma

riedet tagħmel testment. Iżda wara li mietet iz-zija, saru jafu li din kienet għamlet testment fit-13 ta' Mejju, 2014, tliet xhur qabel mewtha, fejn ħalliet lill-konvenuta bħala l-werrieta universali tagħha. Fil-proċeduri Rikors Maħluf Numru 93/2015LM dan it-testment qed jiġi attakkat stante li qiegħed jiġi allegat mill-atturi illi meta sar, it-testatriċi ma kellhiex il-fakultajiet mentali rikjesti mil-liġi biex tkun tista' tiddisponi minn ġidha permezz ta' testment. Fil-proċeduri odjerni fejn il-partijiet qablu li l-provi prodotti fil-kawża l-oħra għandhom jgħoddu wkoll bħala provi fil-kawża odjerna, l-istess atturi pproċedew kontra l-istess konvenuta biex jattakkaw ukoll l-imsemmi testment għax skont huma dan ma sarx skont il-formalitajiet u r-rekwiżiti stabbiliti mil-Liġi, senjatament l-artikolu 25(3)(ċ) tal-Kap. 55 għax ma sarx tabilħaqq fil-preżenza ta' żewġ xhieda.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Mill-provi li ġew prodotti fil-proċeduri Rikors Maħluf Nru 93/2015LM, jirriżulta li t-testment inkwistjoni sar fit-13 ta' Mejju, 2014 fit-8.45 ta' filgħodu quddiem in-nutar Anne Marie Tonna fid-dar tat-testatriċi, wara appuntament li sar mill-konvenuta. Ingħad ukoll li n-nutar Tonna marret id-dar tat-testatriċi flimkien ma' żewġt iħbieb tagħha li kienu se joqogħdu bħala xhieda, in-nutar Melanie Cassar Darmanin u r-raġel tagħha Stephen Cassar li jaħdem l-MCAST. Il-konvenuta wriethom it-triq sad-dar ta' Josephine Camilleri u meta waslu fuq il-post il-konvenuta fetħet biċ-ċavetta li kellha, imma ma baqgħetx magħhom fil-kamra fejn kien hemm it-testatriċi u ħallithom waħedhom. Fil-proċeduri Rikors Maħluf Nru 93/2015LM ingħad ukoll illi wara li sar it-testment, in-nutar

Tonna wasslet lil Stephen Cassar ix-xogħol tiegħu l-MCAST, għax Stephen Cassar u martu Melanie kienu marru d-dar tat-testatriċi bil-karozza tan-nutar Tonna wara li din kienet ġabrithom mid-dar tagħhom. Iżda l-*attendance sheet* tal-MCAST ta' dakinhar 13 ta' Mejju, 2014 turi bil-firma ta' Stephen Cassar li huwa daħal għax-xogħol fis-7.30am u ma ħariġx mill-post tax-xogħol qabel il-5.35pm.[2] Madankollu dakinhar fit-8.45am Stephen Cassar suppost li kien iż-Żejtun fid-dar tal-anzjana Josephine Camilleri biex jagħmilha ta' xhud meta kien qiegħed jiġi ppubblikat it-testment tagħha.

Kemm fil-proċeduri odjerni u kemm fil-proċeduri Rikors Maħluf Numru 93/2015LM xehed **Anthony Saliba** rappreżentant tal-MCAST,[3] li meta ġie mistoqsi jekk impjegati tal-MCAST jistgħux joħorġu mill-post tax-xogħol waqt il-ħin tax-xogħol tagħhom, ix-xhud ikkonferma li jistgħu imma bil-permess tad-*direct line manager* tagħhom, però speċifika li din mhijiex xi ħaġa normali. Ix-xhud jgħid ukoll li impjegat jista' jiftiehem ma' ta' fuqu illi jaħdem il-ħin li jkun dam barra, jew qabel il-ħin tax-xogol għax jidħol kmieni, jew wara għax joħroġ aktar tard. Anthony Saliba kkonferma li dakinhar, ċjoè 13 ta' Mejju, 2014, Stephen Cassar daħal għax-xogħol kwarta qabel u ħareġ tliet kwarti aktar tard mill-ħin normali tiegħu.

Mill-*attendance sheets* li ġew esebiti[4], jirriżulta li għalkemm fl-*attendance sheets* tal-MCAST hemm *Time in/out* u *Time in/out* għal kull ġurnata tax-xogħol biex l-impjegat jindika meta jidħol għax-xogħol filgħodu u joħroġ għall-*break* ta' nofsinhar u meta jidħol mill-*break* u meta jispiċċa mix-xogħol, fil-

[2] Ara l-*attendance sheet* li ġiet ippreżentata mir-rappreżentant tal-MCAST *a fol.* 82 tal-proċess Rikors Maħluf Numru 93-15LM.
[3] Xhieda *a fol.* 29 sa 31.
[4] *A fol.* 32 sa 35.

prattika l-impjegati kienu jiffirmaw biss għal meta jidħlu għax-xogħol u meta jitilqu mix-xogħol.

Xehed ukoll **Stephen Cassar**[5], li spjega li dakinhar tat-testment ta' Josephine Camilleri kien talab permess mingħand ta' fuqu, mingħajr ma qal min hu, u llarga għal siegħa. Cassar jgħid li n-nutara, preżumibbilment in-nutar Tonna u mhux martu, ġiet għalih ix-xogħol u baqgħu sejrin iż-Żejtun għand it-testatriċi. Stephen Cassar jgħid li dakinhar stess ħadem għal dik is-siegħa li kien illarga mix-xogħol, u qal li huwa normali fl-MCAST li jagħmlu hekk.

Imma jekk isir riferiment għall-provi mressqa fil-proċeduri Rikors Maħluf Numru 93/15LM, in-**nutar Anne Marie Tonna** tgħid[6] li kienet għaddiet bil-karozza tagħha għall-ħbieb tagħha n-nutar Melanie Cassar Darmanin u żewġha Stephen Cassar, u wara segwew lill-konvenuta bil-karozza tagħha, li wasslithom fejn kienet toqgħod it-testatriċi Josephine Camilleri f'razzett pjuttost imwarrab, iż-Żejtun. Min-naħa tiegħu **Stephen Cassar**[7] jikkonferma li n-nutar Tonna għaddiet għalihom it-tnejn, jiġifieri kemm għalih u kemm għal martu. In-nutar **Melanie Cassar Darmanin**[8] fuq domanda dwar minn fejn in-nutar Tonna kienet ġabret lilha u lir-raġel tagħna, tgħid:

> "Avukat: Għaddiet għalikom fejn?
>
> Xhud: Id-dar.
>
> Avukat: Fejn toqgħod inti?
>
> Xhud: Birkirkara, għax Anne (in-nutar Tonna) toqgħod viċin *so just* ippikkjatna.

---

[5] Xhieda *a fol.* 26 sa 28.
[6] *A fol.* 52 tal-proċess Rikors Maħluf Numru 93/15LM.
[7] *A fol.* 70 tal-proċess 93/15LM.
[8] *A fol.* 65 tal-proċess 93/15LM.

Avukat: Filgħodu?

Xhud: Eħe, eżatt. Wasslitna ż-Żejtun. Konna ltqajna ma xi ħadd bil-karozza u konna mxejna warajha għax kien xi post naqra mwarrab dan."

**Kunsiderazzjonijiet legali**

L-artikolu 655 tal-Kodiċi Ċivili jgħid illi:

"Bla ħsara ta' kull disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, it-testment pubbliku għandu jirċevih u jippubblikah nutar quddiem żewġ xhieda, bħal kull att nutarili ieħor, taħt id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili ukoll għal dik li hi l-firma tat-testatur skont jekk dan jkunx jaf u jista' jikteb, jew le."

L-artikolu 672 jipprovdi li n-nuqqas ta' tħaris tal-formalitajiet li jissemmew fl-artikolu 655 u oħrajn, jagħmel it-testment null.

L-artikolu 40 tal-Kap. 55 jipprovdi li:

"Att notarili hu null jekk –

*Omissis...*

(e) jekk il-ħtiġijiet tal-artikoli 25(1),(2),(3),(4) u (5), 27, 28(1)(k) u 34 ma jkunux ġew imħarsa."

L-artikolu 25(3)(ċ) tal-Kap. 55 jipprovdi wkoll li:

"25. (3) Il-preżenza ta' żewġ xhieda hija meħtieġa biss fil-każijiet li ġejjin:

(a) kull meta jitlob hekk xi wieħed mill-komparenti;

(b) kull meta xi wieħed mill-komparenti ma jafx kif jew ma jkunx jista' jiffirma ismu;

**(ċ) f'każ ta' testmenti pubbliċi**[9]; u

(d) f'każ ta' att nutarili ta' kunsinna ta' testmenti sigrieti."

Illi jirriżulta li din il-kawża ġiet istitwita mill-atturi wara li kien ta x-xhieda tiegħu Anthony Saliba, rappreżentant tal-MCAST, fil-proċeduri Rikors Maħluf Numru 93/2015LM, liema xhud kien ippreżenta l-*attendance sheet* ta' Stephen Cassar, li turi li fil-ħin li suppost Stephen Cassar kien qiegħed jagħmilha ta' xhud iż-Żejtun waqt il-pubblikazzjoni tat-testment pubbliku ta' Josephine Camilleri, skont l-*attendance sheets* ta' fejn kien jaħdem, Cassar suppost li kien fuq il-post tax-xogħol tiegħu, l-MCAST.

Illi proprju llum stess, din il-Qorti kif preseduta tat sentenza fil-kawża Rikors Maħluf 93/2015LM, fejn ġie ddikjarat li Josephine Camilleri ma kinitx kapaċi tiddisponi b'testment minħabba li kienet qed tbati minn diżordni mentali jew kundizzjoni oħra, li għamlitha inkapaċi li tieħu ħsieb ħwejjiġha fil-ħin li sar it-testment u minħabba f'hekk ordnat li jiġi revokat u mħassar l-isemmi testment ta' Josephine Camilleri.

Illi għalhekk, ladarba l-imsemmi testment diġà ġie ddikjarat null permezz tal-imsemmija sentenza, ovvjament ma jistax jerġa' jiġi ddikjarat null b'din is-sentenza. Madankollu sabiex il-partijiet ikunu jafu x'inhuma d-drittijiet tagħhom fuq l-aspetti kollha tal-kawża sottomessi lill-Qorti, xorta waħda jrid

[9] Enfasi ta' din il-Qorti.

jiġi deċiż jekk it-talbiet attriċi jimmeritawx li jiġu akkolti fit-totalità tagħhom jew *in parte*, jew jekk il-pretensjonijiet tal-atturi humiex tabilħaqq kapriċċjużi kif eċċepiet il-konvenuta.

Filwaqt li l-atturi qegħdin jallegaw in vista tax-xhieda ta' Anthony Saliba, rappreżentant tal-MCAST, illi Stephen Cassar ma kienx preżenti bħala xhud meta kienet qiegħda ssir il-pubblikazzjoni tat-testment ta' Josephine Camilleri, min-naħa l-oħra l-konvenuta ssostni abbażi tax-xhieda tan-nutar Tonna, tan-nutar Melanie Cassar Darmanin u tax-xhud Stephen Cassar innifsu, li l-imsemmi testment sar fil-preżenza ta' żewġ xhieda, Melanie Cassar Darmanin u Stephen Cassar. Dwar meta f'kawża jkun hemm żewġ verżjonijiet dijametrikament opposti għal xulxin, ingħad:

> "Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola tal-*in dubio pro reo*. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjonijiet tiegħu u għall-passjoni, huma ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha. Meta l-każ ikun hekk, il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappatoja tad-dubbju, imma għandha teżamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbilità u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawża ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant ... Anzi, f'każijiet bħal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verżjoni u oħra, aktar tidher il-possibbilità ta' qerq da parti ta' xi wieħed mill-kontendenti."[10]

[10] **Carmelo Farrugia *vs.* Rokku Farrugia**, P.A., 24.11.1966.

Bl-istess mod, il-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Ġunju, 2003, fil-kawża fl-ismijiet **Middle Sea Insurance p.l.c.** ***noe vs*****. Victor Sammut** irreteniet illi:

> "F'każ ta' konflittwalità l-Qorti trid tadopera aktar attenzjoni biex proprju taċċerta ruħha jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet possibbli għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq l-bilanċ tal-probabilitajiet, tal-preponderanza u tal-verosimiljanza tal-provi." Għalhekk fil-konflitt ta' verżjonijiet li jesisti f'din il-kawża għandu jiġi eżaminat liema waħda mit-teżijiet konfliġġenti hi l-aktar attendibbli. Għandu jiġi eżaminat jekk xi waħda mill-verżjonijiet hi sostnuta mill-provi prodotti. Jekk jeżistu tali provi konsegwentement ikun hemm sostenn qawwi u definittiv lil xi waħda mill-verżjonijiet li allura jista' jingħad li hi korroborata. Għandu jiġi eżaminat ukoll jekk jeżistix xi fatt li jwassal għall-konklużjoni liema verżjoni tirrispekkja r-realtà tal-fatti, u kwindi għandha tiġi aċċettata bħala dik veritiera u attendibbli.[11]"

Illi fil-fatt fis-sentenza **Brigitte Vella** ***pro et noe vs.*** **Richard Vella**[12] ġie ritenut li:

> "Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u ikollha taqa' fuq ir-regola "*in dubio pro reo*". Il-konflitt tal-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjoni tiegħu u għall-passjoni, huwa ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha, imma meta dan il-kunflitt ma jkunx ġej minn sempliċi differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu ċertu grad ta' tolleranza u li għalihom sewwa ingħad "*tot homines tot sentetiae*", u lanqas ma jkun ġej minn versjonijiet differenti "*bona fide*" fuq inċidenti li jiġru u jintemmu malajr u għallarrieda eż. identità, veloċità ta' veikoli, u ċirkostanzi oħra subitanei li fuqhom skont l-esperjenza komuni, is-sensi jistgħu jitqarqu, imma għall-kuntrarju dan il-konflitt ikun jirrigwarda fatti u abitudinijiet li jkunu setgħu ġew osservati f'perjodu twil ta' snin bħal f'dan il-każ, allura isir ċar li wieħed mill-kontendenti jkun ħalla l-interess u l-passjoni tiegħu jegħlbuh u b'hekk jabbuża mill-proċess ġustizzja. Meta l-każ ikun hekk il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappotoja tad-dubju, imma

[11] Ara wkoll **Dr Elizabeth Vella M.D.** ***vs.*** **Bieb Bieb Limited** ***et.***, P.A., 09.12.2011.
[12] Q.A., 05.10.2001.

għandha teżamina bl-ikbar reqqa jekk xi waħda mill-verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u versosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke jekk fuq bilanċ tal-probabilità u preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant".

Din il-Qorti tagħmel riferiment ukoll għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Tonna *vs.* Philip Azzopardi**[13] fejn ingħad illi:

"In materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament ġuridiku tagħna jidhru li huma dawn:

a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova tal-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu *(actori incumbit probatio),* sija fuq il-konvenut għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretiża tal-attur *(reus in excipiendo fit actor)* – Ara **Vol. XLVI, P.i, p.5**.

b) Fil-kors tal-kawża dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għax, kif jingħad, 'jista jkun ġie stabbilit fatt li juri *prima facie* li t-teżi tal-attur hija sostenuta – Ara **Vol. XXXVII, P.i, p.577**;

ċ) Il-ġudikant adit mill-meritu tal-każ hu tenut jiddeċiedi *iuxta allegata et probata*, u dan jimporta illi d-deċiżjoni tiegħu tiġi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkustanzi tal-fatti dedotti għab-bażi tad-domanda jew tal-eċċezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-provi ssir bażi tar-regola legali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru għax mhux ippruvat;

d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu tal-ġudikant. Lilu hu mogħti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu.

[13] App. Inf., 12.04.2007.

Naturalment dik id-diskrezzjoni tiegħu hi soġġetta għal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jrid li fis-sentenza tingħata motivazzjoni raġonata li tikkonsenti l-kontroll tal-ħsieb loġiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-loġika u r-razzjonalità, kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont ġurisprudenza konkordi, ma tiġix disturbata minn Qorti ta' reviżjoni – Ara b'eżempju **Ramchand Kilumal *noe vs.* Jessie Blanco** – App. 30 ta' Ġunju, 1912, Kollez. Vol. XXIV. P.i, p.104."

Fl-aħħar nett jingħad fil-kawża fl-ismijiet **Lawrence u Anthony Fino *pro et noe vs.* Joseph u Charles Fino**[14]:

"Kif tajjeb għalhekk ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza in re: **Enrico Camilleri *vs.* Martin Borg**, mogħtija fis-17 ta' Marzu, 2003 (ara wkoll sentenzi b'deċiżjonijiet simili in re: **E Zammit *vs.* Petrococchino**, Qorti ta' l-Appell, 25 ta' Frar, 1952; u **Paul Vassallo *vs.* C. Pace**, Appell Ċivili, 5 ta' Marzu, 1986),"Il-ġudikant fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet, imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet"."[15]

Il-każ odjern jiċċentra tista' tgħid fuq il-kredibilità tax-xhieda. Fil-proċeduri odjerni x-xhud Stephen Cassar ittenta jagħti spjegazzjoni plawżibbli għad-diskrepanza bejn dak li ġie indikat minnu stess fuq l-*attendance sheet* tal-MCAST u dak li ntqal fl-ewwel kawża fix-xhieda tan-nutar Tonna, tan-nutar Cassar Darmanin u tal-istess Stephen Cassar, li Cassar kien preżenti meta sar it-testment tad-defunta Josephine Camilleri. Fil-proċeduri Rikors Maħluf Numru 93/15LM filwaqt li n-nutar Tonna kienet xehdet li dakinhar li kellhom imorru għand Josephine Camilleri biex tippubblika t-testment tagħha, lil

[14] Q.A. (Sede Superjuri) datata 24.09.2004.
[15] Ara wkoll **Bugeja *vs.* Mejlaq**, P.A. datata 30.10.2003, f'dan is-sens ukoll.

Stephen Cassar kienet ġabritu mix-xogħol, in-nutar Melanie Cassar Darmanin xehdet illi n-nutar Tonna kienet ġabrithom mid-dar tagħhom għax kienet toqgħod Birkirkara viċin fejn joqogħdu huma. Jekk dak li qalet in-nutar Melanie Cassar Darmanin huwa minnu, Stephen Cassar ma setax kien l-MCAST u ffirma l-*attendance sheet* qabel ma għaddiet għalih in-nutar Tonna. Filwaqt li huwa veru dak li qal l-abbli avukat tal-konvenuta li fejn ikun hemm biss dubju dwar xi formalità ta' testment, dan għandu jimmilita favur il-validità tat-testment[16], f'dan il-każ però l-Qorti ma għandhiex biss dubju iżda tinsab konvinta fuq bilanċ ta' probabbilitajiet li Stephen Cassar ma kienx preżenti waqt il-pubblikazzjoni tat-testment tat-testatriċi u dan ibbażat fuq il-fatt li fir-rigward tad-dettalji dwar kif waslu fuq il-post fejn kienet toqgħod Josephine Camilleri, il-konjuġi Cassar ikkontradixxew lil xulxin.

Tqis illi l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta, li t-talbiet attriċi f'din il-kawża huma għalkollox kontradittorji għat-talbiet proposti fil-kawża mill-istess atturi (Rikors Maħluf Nru 93/2015LM) ma treġġix, għax testment jista' jkun null għal raġunijiet differenti, fosthom fuq in-nuqqas ta' kapaċità tat-testatriċi li tiddisponi minn ġidha għal wara mewtha permezz ta' testment u fl-istess ħin l-istess testment jista' jkun ukoll afflitt minn difett ta' formalità li jġib in-nullità. Testment jista' jkun null għal diversi raġunijiet u jista' jiġi attakkat fuq il-validità intrinsika tiegħu kif ukoll fuq il-validità estrinsika tiegħu (il-vizzju fil-formalitajiet).[17]

Illi għalhekk it-tieni eċċezzjoni dwar il-kapriċċjożità tat-talbiet attriċi u l-ħames eċċezzjoni li din il-kawża hi fiergħa u illi għalhekk huma mistħoqqa d-*doppio spese,* m'għandhomx jintlaqgħu.

[16] **Leonard Abela *et vs.* Saverina Sinagra *et***, P.A., 08.04.2013.
[17] **John Pace *vs.* Carmela Chircop**, P.A., 04.06.1964.

Illi fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ kif jirriżultaw kemm mill-provi miġbura fil-atti tar-Rikors Maħluf Numru 93/15LM u kemm mill-provi mressqin f'din il-kawża, il-Qorti tinsab konvinta fuq bażi ta' probabbilitajiet li Stephen Cassar ma kienx preżenti meta ġie ppubblikat it-testment ta' Josephine Cassar fit-13 ta' Mejju, 2017 fid-8.45am fejn kienet toqgħod iż-Żejtun, iżda ffirmah wara u mhux fil-preżenza ta' Josephine Camilleri.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta;**

2. **Tilqa' l-ewwel talba tal-atturi billi tiddikjara li t-testment pubbliku ta' Josephine Camilleri tat-13 ta' Mejju, 2014 fl-atti tan-Nutar Anne Marie Tonna ma sarx fil-preżenza ta' żewġ xhieda kif rikjest mil-Liġi taħt piena ta' nullità;**

3. **Tiddikjara wkoll li għall-istess raġuni l-imsemmi testment pubbliku ta' Josephine Camilleri għandu jiġi ddikjarat null u bla effett li ma kienx għall-fatt li l-imsemmi testment diġà ġie ddikjarat null bis-sentenza fl-istess ismijiet mogħtija illum fil-proċeduri Rikors Maħluf Numru**

**93/15LM. Tastjeni għalhekk milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba tal-atturi.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri huma a karigu tal-konvenuta.**

Moqrija.